**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 27**

**L-Erbgħa, 11 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (wasal 17.50) |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

**27.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**27.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**27.01.02** Il-Kunsillier Anton Gatt talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**27.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 26)**

**27.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-minuti ta' seduta **26** ġew approvati unanimament.

**27.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**27.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat tliet kwotazzjonijiet rigward laptops ġodda għall-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-laptops huma meħtieġa għaliex il-laptops preżenti mhumiex konformi mal-ħtiġijiet tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li hija żadet il-parir ta' espert fl-IT u informaha li dawn il-laptops ma kinux heavy duty. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell għalhekk ippreżentat tliet kwotazzjonijiet għal-laptops ġodda. Il-Kunsilliera Matthew Spiteri, Frederick Aquilina u Jeffrey Scicluna ma qablux rigward xi speċifikazzjonijiet fil-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qaltilhom li se tkun qed tikkonsulta mal-espert fl-IT tal-Kunsill u ttihom tweġiba s-seduta li jmiss. Għalhekk għalissa l-kwotazzjoni ma ġitx approvata.

**27.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**27.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mir-Reġjun Nofinhar rigward attivitajiet li se jsiru fiċ-Ċentru tal-Active Ageing fil-lokal ta' Ħal Luqa bħala parti mill-proġett 'Active Ageing 2026'. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera jistgħu jattendu u jżuru dawn l-attivitajiet meta jkun komdu għalihom.

**27.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva stedina għall-Attivita` ta' Team Building bħala parti mill-proġett 'Ċaqlaq'. Is-Sindku John Schembri fisser li din l-inizjattiva għandha l-għan li tħeġġeġ l-attivita` fiżika fi ħdan il-komunita`. Is-Sindku John Schembri tenna li l-email bl-invit se jintbagħat lill-Kunsilliera.

**27.04.03** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali rċieva stedina mill-ERA għas-seminar annwali bejn l-ERA u l-Kunsill Lokali/Reġjonali. Is-Sindku John Schembri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tibagħat l-invit lill-Kunsillier Anton Gatt sabiex jattendu ukoll flimkien miegħu. Il-Kunsillier Anton Gatt aċċetta din l-istedina għal dan is-seminar.

**27.04.04** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali rċieva komunikat li fih il-Kunsill Lokali huwa mitlub jagħti appoġġ fiċ-ċirkolazzjoni ta' tagħrif rigward organizzazzjonijiet għaż-żgħażagħ u żgħażagħ oħra fil-komunita`. Is-Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li min hu interessat jista' jikkomunika b'mod dirett mal-Aġenzija Żgħażagħ.

**27.04.05** Is-Sindku John Schembri spjega kif għal sena oħra l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ġie offrut ħaddiema tar-Reġjun li jistgħu jgħinu f'xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita` ta' Ħal Luqa. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu li jagħmlu użu minn dan is-servizz. Is-Sindku John Schembri qal lill-Viċi Sindku Keith Bartolo sabiex jiltaqgħu u jistabbilixxu x-xogħlijiet li jistgħu jagħtu lil dawn il-ħaddiema sabiex isir l-aħħar użu minnhom.

**27.04.06** Is-Sindku John Schembri fisser li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward Earth Hour 60. Is-Sindku John Schembri qal li din l-attivita` tiġi ċċelebrata ma' pajjiżi oħra fid-dinja u li dan l-avveniment se jsir nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2016. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill se nibagħatu email lill-għaqdiet tal-lokal sabiex min irid jista' jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

## 27.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**27.05.01** Xejn

## 27.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**27.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li minn Jannar 2026, il-Kunsill Lokali beda jopera s-sistema Shireburn. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell irringrazzjat lill-ħaddiema tagħha tal-back office responsabbli mill-pagi, li attendiet it-taħriġ komprensiv mogħti mis-Shireburn, u li ħadet interess fis-sistema sabiex il-pagi nħaddmu mingħajr problemi. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li s-Shireburn toffri ukoll is-servizz ta' HR – żamma ta' rekords tas-Sick u tal-Leave. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li permezz ta' din is-sistema, il-ħaddiema jistgħu japplikaw għal-leave onlajn. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell se tkun responsabbli minn din iż-żamma ta' rekords għall-fini ta' protezzjoni tad-data.

**27.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali rċieva talba għal sponsorship għall-mixja 5K li se tkun qiegħda torganizza s-Soċjeta` Filarmonika l-Unjoni. Din is-Soċjeta` tablet ukoll li din il-mixja ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li din il-mixja se ssir fit-22 ta' Frar 2026. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' sponsorship ta' €350 li tkun qed tgħin li din is-Soċjeta` waqt din il-mixja.

## 27.07 Korrispondenza

**27.07.01** Xejn

## 27.08 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements

**27.08.01** L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Joseph Piscopo spjega lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali mar għall-aħjar. Is-Sur Piscopo tenna li l-fatt li kemm it-tipping fees kif ukoll il-ġbir tal-iskart għenu fis-surplus tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Piscopo kompla jgħid li t-tnaqqis fl-allokazzjoni swiet għaliex bħala Kunsill mar għall-aħjar.

L-Accountant is-Sur Joseph Piscopo qal li l-ispejjeż għolew, fosthom il-pagi tal-ħaddiema, l-arretrati filwaq li l-operations and maintenance naqsu drastikament. Fuq proponiment tal-Kunsillier Mathew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Frederick l-Aquilina, l-Unaudited Financial Statements kienu approvati mill-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu.

**27.09 Attivita` Karnival**

**27.09.01** Is-Sindku John Schembri qal li ħidma għal-attivita` tal-Karnival miexi ġmielha. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li l-attivita` se tibda mis-18.30 u tibqa' għaddeja sal-22.30. Is-Sindku John Schembri spjega li għal din l-attivita` se jieħdu sehem xi kumpaniji ta' żfin, magician u se jkun hemm ring photo booth fost ħafna attrazzjonijiet oħra. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li l-programm għal din l-attivita` huwa mfassal bil-lest u fil-ġranet li ġejjin se jkun qiegħed jikkomunika l-ħin ta' meta se jkunu qegħdin jieħdu sehem il-partijiet ikkonċernati.

**27.10 Aġġornament tat-Tenders**

**27.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-kuntratt tat-Tender tal-Madonna tal-Ftajjar kien iffirmat mill-partijiet ikkonċernati. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell iltaqgħu ma' min rebaħ it-tender u flimkien idduskutew il-pass li jmiss sabiex jiskatta x-xogħol fuq din il-kappella.

**27.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash**

**27.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina, u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**27.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**27.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 25 ta' Marzu 2026.**

| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
|---|---|
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |